MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 484/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Joseph Busuttil ta' 46 sena iben John u Olga nee' Pace imwieled Attard fl-1 ta' Mejju 1966 u joqghod 103, Howeia, Triq il-Bwieraq, B'Kara u detentur tal-karta ta'l-identita' 201066(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Busuttil akkuzat talli fid-29 ta' April 2009 ghal habta tal-04:30hrs u fil-gimghat ta' qabel din id-data, quddiem ir-residenza nru 122, Belview sitwat fi Triq il-Bwieraq, B'Kara u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fuq il-faccata (madum, irham u gebel) ghad-detriment ta' Amabile Borg

u liema hsara hija izjed min elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sitti centezmu (1164.69).

2. Gab ruhu b’tali mod li ta fastidju lil Amabile Borg b’mod li kien jaf jew kien missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghall-istess persuna.

3. Rema’, tefa jew xort’ohra iddepozita f’post jew gewwa post jew minn xi post fil-berah li l-pubbliku ghandu dritt jew jista’ jidhol fih minghajr hlas u/jew hallejt xi haga tkun li tkun f’cirkostanzi tali li ikkagua jew ikkontribwixxa jew seta wassal stkerrih ta’ xi post fil-berah b’dan l-iskart u zibel.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-21 ta’ Lulju 2010 sabiex dana il-kaz jigi itrattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami ta’l-atti jirrizulta illi dana l-kaz beda wara rapport li ghamel l-parti leza Amabile Borg fejn allega illi l-imputat kien tefa’ xi likwidu fil-parapett tieghu u b’hekk ikkagunalu hsara fl-irham, gebel u madum ta’l-istess parapet tar-residenza tieghu. Illi Amabile Borg ighid illi ghal habta ta’ April tas-sena 2009 huwa kien qieghed isib xi likwidu fil-parapett tieghu. Ghall-ewwel issuspetta li seta kien xi urina ta’l-annimali u ghalhekk kien anke ghamel xi *hardboard* sabiex il-likwidu ma jinxtorobx fil-madum u l-irham, izda dana baqa’ jirrepeti ruhu ta’spiss u ghalhekk fl-ghodwa tad-29 ta’ April 2009 iddecieda li joqghod ghassa wara t-tieqa li ghandu fil-faccata tad-dar tieghu u li taghti direttament ghal fuq il-parapett. Isostni illi ghal habta tal-4:30 ta’ fil-ghodu osserva lill-imputat ighaddi u jitfa’ xi likwidu ghal gol-parapett tieghu. Osserva li l-imputat kellu qiesu recipjent f’idejh. Kif rah qed jaghmel dan huwa hareg minnufih ighajjat u ipprova iwaqqghu izda l-imputat telaq jigri u dahal fir-residenza tieghu li tinsab ftit metri ‘il boghod. Ghalkemm l-parti leza minn naha tieghu ighid li

ipprova ihabbatlu biex jiftah, l-imputat ma ghamilx dan u ghalhekk Borg baqa’ sejjer dritt l-ghassa tal-pulizija ta’ B’Kara biex jaghmel rapport.[1]

Dak il-hin stess is-surgent Kevin Grima mar fuq il-post. Is-surgent osserva li kien hemm roqgha friska b’xi tip ta’ likwidu trasparenti fuq l-ghatba tal-parapett. Izda meta imbaghad kellem lill-imputat iktar tard matul il-gurnata l-imputat cahad li ghamel dan.[2]

Illi fil-fatt meta jixhed l-imputat huwa jichad li kien hu li tefa dana l-likwidu. Jafferma madanakollu illi huwa minnu illi f’dak il-hin tal-erbgha u nofs ta’ fil-ghodu u f’dak il-jum huwa kien jinsab fuq il-post peress illi kien qed jirritorna lejn id-dar mill-fabbrika li ghandu bl-isem “Skyline” li tinsab biswit ir-residenza ta’l-imputat. Ighid illi huwa kien qieghed igorr briefcase u zewg kaxxi u ghalhekk idejh kienu it-tnejn okkupati u ma jistax ikun illi kien qed izomm xi recipjent kif jallega l-parti leza. Jafferma ukoll illi f’dak il-hin Borg hareg mir-residenza tieghu u beda ighajjat mieghu u jallega li kien tefaghlu xi likwidu jew li kien ghamel l-urina fil-parapett tieghu izda huwa ighid illi ma wegbux u baqa’ diehel fid-dar tieghu. Isostni illi Borg beda ihabbatlu mal-grada fost ghajjat u dagha izda huwa beza minnu u ma kellmux[3]. L-imputat jezebixxi sensiela ta’ ritratti fejn jidher kelb fil-parapett ta’l-imputat u anke xi ritratti ohra li juru xi fliexken li jitpoggew mill-gara l-ohra sabiex izommu l-annimali ‘il boghod mir-residenza taghhom[4].

L-imputat iressaq ukoll zewg xhieda u cioe’ lil certu Pierre Ciantar li huwa impjegat mieghu u li ra l-kelb li jidher ir-ritratti bil-qieghda fil-parapett ta’ Borg u Jacqueline Sueto li hija gara taghhom li tikkontendi illi hija taghmel xi fliexken biex izomm l-annimali ‘il boghod milli jaghmlu l-bzonnijiet taghhom mal-parapett tad-dar taghha.[5]

---

[1] Ara xhieda ta’ Amabile Borg a fol.28

[2] Ara xhieda tal-PS3 Kevin Grima a fol.18 u rapport Dokument KG

[3] Ara xhieda ta’l-imputat a fol. 77

[4] Ara ritratti Dokumenti EZL1 sa EZL9

[5] Ara xhieda a fol. 94

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm hemm konfliggenza bejn ix-xhieda tal-parti leza u dik tal-imputat madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi x-xhieda ta' Amabile Borg hija iktar verosimili. Dana qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

1. Fl-ewwel lok il-parti leza stess qabad lill-imputat fil-fatt. Rah qed jitfa xi likwidu li kien go recipjent. Il-parti leza hareg minmufih sabiex jikkonfronta lill-imputat u anke mar minufih jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija.

2. L-imputat harab u dahal jigri f'daru minghajr ma staqsa lil Borg ghalfejn kien qed ighajjat mieghu. Lanqas meta habbatlu l-bieb ma hareg sabiex jichad dak illi kien qed jallega Borg fil-konfront tieghu.

3. Il-pulizija nizel sabiex jaghmel l-ispezzjoni tieghu ftit tal-hin wara u ikkonferma illi kien hemm likwidu trasparenti li kien ghadu ma nixifx.
4. Jidher illi wara li l-imputat inqabad minn Borg, l-parti leza ma baqax isib likwidu mitfugh mal-parapett tad-dar tieghu.

Il-Qorti ghalhekk hija konvita moralment illi kien l-imputat li tefa' xi likwidu fil-proprjeta tal-parti leza Amabile Borg. Il-ligi stess tghid illi xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija. Wara kollox, kif jiddisponi l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xiehda jew aktar u dan hu bizzejjed biex tigi pruvata l-htija ta' persuna akkuzata b'reat u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni ulterjuri minn provi diretti jew indiretti.,

Ikkusdirat,

Illi stabbilit ghalhekk illi kien l-imputat li tefa il-likwidu kif inghad, jifdal issa biex isir in-ness bejn dina l-azzjoni u l-hsara ilmentata mill-parti leza.

Illi l-Qorti innominat lill-ispizjar Mario Mifsud sabiex jistabbilixxi x'kien il-likwidu li ikkaguna l-hsara fil-proprjeta tal-parti leza. Illi l-imsemmi espert izda ma setax jespleta l-inkarigu lilu moghti peress illi kif jindika fix-xhieda u fin-nota ipprezentata minnu:

a. "L-allegat kaz sar zmien twil ilu, cirka sena u nofs. Minn dak iz-zmien sal lum qatt ma gew mehuda kampjuni u dan fl-opinjoni tal-esponenti huwa l-akbar nuqqas f'dan il-kaz.
b. Il-fond f'dan iz-zmien kollu qatt ma gie mhares sabiex ikun zgurat li baqa' fl-istat originali ta' meta kien allegat li sar l-incident/i
c. Jekk kif allegat giet mitfuha l-urina f'dan iz-zmien kollu il-*urea* kienet tiddekomponi."

Dana kollu wassal lill-espert jikkonkludi illi ma setax jittiehed kampjun biex jigi ezaminat u biex jigi stabbilit jekk hemmx il-presenza tal-*urea*, kif allegat mill-parti leza. Ghaldaqstant huwa diffícli ghal Qorti sabiex jigi stabbilit x'kien il-likwidu mitfugh u jekk kienx dan il-likwidu li intefa' li ikkaguna l-hsara li l-parti leza qed jilmenta minnu. Fil-fatt kien biss fil-11 ta' Gunju 2009 u cioe' il fuq minn xahar wara illi Amabile Borg kien irraporta l-ghassa tal-Pulizija illi kien hemm xi hsara fil-madum, il-gebel u l-irham tal-parapett. Ghaldaqtsant ghalkemm dina l-Qorti ma ghandhiex dubbju illi kien l-imputat li tefa' xi likwidu lejn il-parapett ta'l-parti leza madanakollu ma hemmx prova fl-atti li tistabilixxi ness bejn il-likwidu mitfugh mill-imputat u l-hsara lmentata mill-parti leza sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp penali. Fuq kollox il-parti leza stess jixhed u ighid illi kien ilu isib il-likwidu ghal perijodu ta' madwar tmien gimghat qabel l-incident u li kien dana il-fatt li wasslu sabiex joqghod ghassa fil-jum indikat fl-akkuza. Kwindi l-Qorti ma tistax tasal sabiex tistabilixxi ness bejn il-hsara u l-incident tad-29 ta' April 2009 billi din il-hsara setghet giet ikkagunata mill-likwidu li intefa fil-gimghat precedenti u ma hemm l-ebda prova fl-atti illi l-imputat kien responsabbli ukoll ghat-tfigh ta' dana il-likwidu f'dawn il-granet.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-fastidju jew hekk imsejjah ***harassement*** kif previst fl-artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawn il-ligi titkellem fuq l-imgieba tal-persuna jew inkella kif hemm fit-test ingliz **"*a person who pursues a course of conduct*".** Dana ifisser illi sabiex jissussiti ir-reat irid ikun hemm ghal ta'l-inqas zewg okkazzjonijiet fejn l-persuna akkuzata tkun qed taghti dana il-fastidju. Incident wiehed u izolat ma huwiex bizzejjed. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-***harassement*** taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

"Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-***Protection from Harassment Act, 1997*** tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: ***"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."***

Il-Qorti tghaddi biex tikkwota l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** :

**"How separate the two occasions must remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those**

**intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali ghalhekk, ma hemmx dubbju li dina l-akkuza ma tistax tissussisti fil-konfront ta'l-imputat billi din kienet okkazzjoni wahda u unika u ghalkemm l-parti leza jikkontendi illi kien ghamel xi gimghat isib il-likwidu mitfugh fil-parapett tieghu madanakollu ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi kien l-imputat li ghamel dan. L-parti leza stess ighid fix-xhieda tieghu illi qatt ma kien hemm incidenti bejnu u bejn l-imputat ghajr ghal din l-kwistjoni, kif jikkonferma l-imputat stess li qatt ma kellu xi ighid ma' Borg. Kwindi dina l-akkuza lanqas ma giet ippruvata.

Ikknsidrat,

Illi l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat hija dik prevista taht l-Att Dwar iz-Zibel u Skart. Illi l-artikolu 3 tal-Kapitolu 206 jiddisponi:

***Ħadd ma' jista' jarmi, jitfa' jew xort'oħra jiddepożita f'post, ġewwa post, jew minn xi post, fil-beraħ li l-pubbliku għandu d-dritt jew jista' jidħol fih mingħajr ħlas, u jħalli, xi ħaġa tkun li tkun f'ċirkostanzi tali li tikkaġuna, tikkontribwixxi, jew li tista' twassal għal, it-tkerrih biż-żibel u skart ta' xi post fil-beraħ, kemm-il darba dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi.***

Illi dina d-disposizzjoni ta-ligi ma tapplikax ghal kaz in dizamina. Qabel xejn, kif diga gie ippuntwalizzat aktar 'il fuq, ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika x'kien il-likwidu li intefa' u jekk l-istess jistax jikkwalifika bhala zibel jew skart. Inoltre l-parapett ta'l-parti elza ma jistax jikkwalifika bhala post fil-berah kif dispost fl-artikolu 2 ta'l-Att li jispjega illi ***"post fil-beraħ" tinkludi kull post mgħotti u li jkun miftuħ għall-arja almenu fuq naħa waħda u li jkun għall-użu pubbliku*.**

Illi ghalhekk l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza ukoll.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba il-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------